MINUTI

Laqgħa b'urġenza Nru 71/2023-8

Il-Ġimgħa, 5 ta' Mejju 2023

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv, fi Triq il-Knisja, Żebbuġ, Għawdex fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI b'mod virtwali:**

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI b'mod virtwali:**

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

71.2 **Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2022**

Is-Sindku, Dott. Marlene Cini qalet li din il-laqgħa qed issir sabiex jiġu approvati l-*Audited Financial Statements 2022.* Stiednet lil Accountant Daniel Galea sabiex jingħaqad mal-membri virtwalment peress li ma setax jattendi fl-uffiċċju tal-Kunsill.

L-accountant irringrazzja lis-Sindku ta l-istedina.

Spjega li l-*Audited Financial Statements* ikkonfermaw l-U*naudited Financial Statements* li saru fi Frar li għadda. Qal li l-Kunsill kellu telf ta' €26,942 fuq natura rikkorenti. Wara li għaddew xi aġġustamenti fuq xi proġetti li l-Kunsill baqalu jiġbor bħala fondi, l-Kunsill għalaq is-sena 2022 b'dejn ta' €162,898.

Il-Kunsillier Daniel Cordina staqsa kif minn €70,000 telgħu għal iktar minn €100,000. L-Accountant qal li d-dejn jiġi affetwat minn kemm fondi għandu jirċievi l-Kunsill u qal li meta l-Kunsill jirċievi l-fondi dan id-dejn għandu jonqos. Is-Seg. Eżekuttiv infurmathom illi l-Kunsill għad baqalu jiġbor mill-PA l-fondi fuq l-proġett ta' Triq Għar Qawqla u ż-Żebbuġ Playing Field. Il-Kunsillier Nicky Saliba u Daniel Cordina qalu li hemm bżonn li ssir xi ħaġa u jekk hemm bżonn il-Kunsill jikteb fuq il-medja soċjali.

Il-Kunsillier Cordina staqsa lil Accountant x'parir għandu jagħti lil Kunsill. L-Accountant wieġbu li bħala sitwazzjoni ta' dejn u ħruġ l-Kunsill qiegħed mal-limitu. Qal li l-Kunsill ilu numru ta' snin mal-limitu u fakkar li l-proġetti mhux kollha huma 100% funded pero l-Kunsill hemm bżonn li joqgħod attent waqt l-implimentazzjoni.

Il-Kunsillier Baskal Saliba staqsa jekk il-Kunsill idaħħal il-flus kollha li għandu jdaħħal kif tkun is-sitwazzjoni tal-Kunsill. L-Accountant qal li jekk il-Kunsill jirċievi l-flus kollha li għandu grant agreement fuqhom l-Kunsill xorta jibqa' b'dejn ta' madwar €50,000 li huwa l-kont ta' xogħol

tal-bankini li l-Kunsill irċieva fil-bidu tat-2022 u li saru fis-sena 2021. Is-Seg. Eżekuttiv fakkret li għad hemm il-kont tat-tarmac li ilu ġej snin. L-Accountant qal li aktar ma jinġabru malajr il-fondi li l-Kunsill għandu jiġbor aktar titneħħa l-inċertezza li hemm.

Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li fil-Kunsill preċedenti kien hemm madwar €200,000 dejn waqt li meta s-Sur Nicky Saliba kien fil-kariga ta' Sindku, skond l-Audits tal-2021 l-Kunsill ġie b'FSI +3%. L-Accountant ikkonferma dan u qal li wara dawn l-audits ġie l-kont tal-bankini u ż-Żebbuġ Playing Field. L-accountant qal li dawn li bħalissa qed jidhru bħala dejn, malli jidħlu l-fondi s-sitwazzjoni tinbidel. Il-Kunsillier Daniel Cordina iddikkjara li d-Dipartiment sallab lil Kunsill għax għadu jiġri biex jiġbor il-fondi għal proġett li r-residenti kieku ilhom jistennew fuq iż-Żebbuġ Playing Field u dan kollu minħabba n-nuqqas minn naħa tagħhom.

Il-Kunsillier Daniel Cordina staqsa jekk hux tmexxija ħażina minn-naħħa tal-Kunsill. L-Accountant wieġbu li l-Kunsill għandu l-grant agreements pero ghadu ma rċeviex il-fondi.

Is-Sindku Dott Marlene Cini rringrazzjat lil accountant ta' l-ispjega tiegħu.

Il-membri qablu li l-*Audited Financial Statements 2022* jiġu approvati.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.40 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Dott. Marlene Cini | Odette Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |